MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 205/2005/1

**Carmelo Zammit**

**v.**

**Carmen Zammit**

**Il-Qorti:**

## I. PRELIMINARI

1. Dan huwa appell maghmul mill-attur minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fid-19 ta' Ottubru 2007. F'din il-kawza l-attur qieghed

jitlob li l-Qorti tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fis-7 ta' Dicembru 1994 huwa null u bla effett.

2. Is-sentenza appellata hija din:
"Il-Qorti;

"Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fis-6 ta' Mejju, 2005 li permezz tagħha l-attur espona bir-rispett:

"Illi l-kontendenti żżewġu fis-7 ta' Diċembru, 1994 (*vide* Dok. "A");

"Illi minn dan iż-żwieġ il-kontendenti ma kellhomx ulied;

"Illi l-kontendenti żżewġu madwar disa' (9) xhur biss wara li ltaqgħu u bdew jiffrekwentaw lil xulxin;

"Illi meta żżewġu l-attur kellu tlieta u tletin (33) sena filwaqt li l-konvenuta kellha tlieta u erbgħin (43) sena;

"Illi ż-żmien ta' l-għerusija kien wieħed ferm qasir u l-konvenuta għamlet minn kollox sabiex tgħaġġel ħalli jiġi ċelebrat dan iż-żwieġ, u għalhekk ma kienx hemm thejjija reali għaż-żwieġ u diskussjoni dwar dawk li huma l-obbligi u r-responsabilitajiet tal-ħajja miżżewġa;

"Illi minkejja d-differenza fl-eta` l-attur kien għamilha ċara lill-konvenuta li huwa ried jiżżewweġ biex ikollu l-ulied u jibni familja, iżda l-konvenuta qarrqet bih u satret mill-konnoexxenza tiegħu l-fatt illi hija ma setgħetx ikollha tfal;

"Illi l-attur ta l-kunsens tiegħu għal dan iż-żwieġ peress illi huwa ma kienx jaf b'dan il-fatt hekk importanti rigwardanti l-konvenuta, fatt illi seta` jfixkel serjament, kif fil-fatt għamel, il-ħajja miżżewġa;

"Illi għaldaqstant iż-żwieġ kuntrattat bejn il-kontendenti fis-7 ta' Diċembru, 1994 huwa wieħed null u bla ebda effett u dan ai termini tal-provvedimenti ta' l-Artiklu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta b'mod ġenerali u b'mod partikolari ai termini tal-paragrafi (c), (d) u/jew (e) ta' l-imsemmi Artiklu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta;

"Tgħid għalhekk il-konvenuta għaliex m'għandhiex din l-Qorti-

"(1) tiddikjara u tiddeċiedi li ż-żwieġ iċċelebrat bejn il-kontendenti fis-7 ta' Diċembru, 1994 huwa null u bla ebda effett skond il-Liġi u dan a tenur ta' l-Artiklu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta b'mod ġenerali u b'mod partikolari a tenur tal-provvedimenti tal-paragrafi (c), (d) u/jew (e) ta' l-istess Artiklu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taż-Żwieġ relattiv.

"Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta minn issa nġunta għas-subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur maħlufa u l-lista tax-xhieda.

"Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta ppreżentata fid-9 ta' Awwissu, 2005 li permezz tagħha eċċepiet;

"1. Illi fl-ewwel lok ma jeżistux l-estremi legali biex iż-żwieġ ċelebrat bejn il-partijiet kontendenti jiġi dikjarat null u bla effett għall-finijiet tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-pretensjoni u l-allegazzjoni li l-konvenuta setgħet b'xi mod aġixxiet b'mod qarrieqi hija abbużiva u inveritiera, stante illi kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, l-eċċipjenti dejjem qdiet l-obbligi tagħha matrimonjali fl-intier tagħhom, u ma żammet xejn moħbi u mistur minn żewġha la qabel ma żżewġu u lanqas fiż-żwieġ, u dan b'referenza speċifika għall-paragrafi erbgħa (4) sa sitta (6) tad-dikjarazzjoni ta' l-attur mehmuża ma' l-att taċ-ċitazzjoni.

"2. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, u f'każ illi jirriżulta a sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti li hemm lok li ż-żwieġ jista' jiġi dikjarat null u bla effett, dan żgur li mhux minħabba tortijiet imputabbli lill-esponenti, u dan ukoll kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Illi jsegwi għalhekk illi l-esponenti m'għandhiex tbati l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

“3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Liġi.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta maħlufa u l-lista tax-xhieda.

“Rat l-atti proċesswali.

“Rat l-affidavit ta’ l-attur u semgħetu in kontro-eżami.

“Rat l-affidavit tal-konvenuta u semgħetha in kontro-eżami.

“Rat l-affidavits l-oħra preżentati mill-partijiet u semgħethom in kontro-eżami.

“Semghet lix-xhieda l-oħra prodotti mill-partijiet.

“Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Mejju, 2007 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

“Ikkunsidrat;

“Illi l-attur qed jitlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fis-7 ta’ Diċembru, 1994 a bażi ta’ l-Artikolu 19 (1) tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-konvenuta fin-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tagħha opponiet għat-talba attriċi.

“Għalhekk kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; “*F’materja ta’ żwieġ illi huwa ta’ ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b’hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta’ kreditu likwidu jew responsabilita’ ta’ xi kolliżjoni imma f’kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta’ żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta’ diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero` dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta’ dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta*

*ċara u mingħajr dubbju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

"L-artikli ċitati mill-attur jirrigwardjaw (għalkemm mhux indikati espressament);

"19 (1) (c) – qerq dwar il-kwalita` tal-konvenuta;

"19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

"19 (1) (e) – impotenza da parti tal-konvenuta li kienet teżisti qabel iż-żwieġ;

"Mill-provi mressqa mill-attur il-Qorti ma tħossx li rriżultalha xi waħda mill-kawżali li ppropona l-istess attur biex iż-żwieġ jiġi dikjarat null.

"Rigward il-kawżali indikata fis-sub-inċiż (ċ) l-ilment prinċipali ta' l-attur huwa li l-konvenuta qarrqet bih billi tatux x'jifhem li kien seta` jkollha t-tfal meta fil-fatt ma setgħetx. Madankollu l-Qorti ma tħossx li f'dan ir-rigward l-attur irnexxielu jipprova dan. L-attur kien jaf li l-konvenuta kellha tlieta u erbgħin (43) sena meta żżewġu u kwindi żgur kien jaf li kien se jkun diffiċli għaliha li toħroġ tqila ta' dik l-eta`. Bħala fatt jirriżulta li wara ż-żwieġ il-kontendenti anke fittxew l-għajnuna ta' tobba speċjalizzati (ġineokologu u tabib ieħor) illi xehdu wkoll fil-kawża. Ħadd minn dawn ma xehed fis-sens li l-konvenuta kienet ġia' ghaddiet il-perjodu li seta' jkollha t-tfal qabel iż-żwieġ għaliex naturalment eżaminawha wara ż-żwieġ sija pure ftit xhur wara. Allura setgħu jixhdu dwar dak li raw u eżaminaw huma.

"Il-Professur Buttigieg li eżaminaha bejn l-1995 u l-2002 qal li għalkemm mhux idejali minħabba raġunijiet strettament mediċi li mara toħroġ tqila ta' erbgħa u erbgħin (44) sena, qal li l-kontendenti kienu marru għandu

fil-bidu għaliex xtaqu jkollhom it-tfal; mit-testijiet li kien għamlilha fil-bidu kienet "*viċin dak l-istadju fejn l-ovaries waslu biex jibdew jieqfu.*" Aktar 'il quddiem qal illi "*L-ovulation jekk għadha ssir ta' erbgħa u erbgħin (44) sena ser tkun b'mod irregolari.*" Mistoqsi dwar jekk iċ-ċesta li eventwalment ir-riżultat kienx ta' impediment għall-ovulazzjoni qal li ma kienx il-każ. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi tal-każ żgur li ma jirriżultax li l-attur ġie mqarraq dwar dan il-punt. Kif ġia` ingħad il-fatt li l-konvenuta kellha tlieta u erbgħin (43) sena meta żżewġet żgur minnu nnifsu kien se jkun ta' ostakolu biex toħroġ tqila u dan l-attur żgur kien jafu.

"F'din il-kawża, din il-kawżali tillaċċja ma' dik maħsuba fis-sub-inċiż (e) fuq imsemmi billi l-attur qed jibbaża wkoll it-talba tiegħu fuq impotenza. Madankollu dan ma jirriżultax għall-istess raġunijiet. Ma jagħmilx lanqas sens (legali) dak li sostna l-attur diversi drabi (fuq domandi tad-difensur tiegħu) li l-għan ewlieni li huwa żżewweġ kien biex ikollu tfal. Kieku l-liġi riedet li żwieġ li ma jnissilx tfal ikun null kienet tgħidu ċar u tond u żgur li dan ma huwiex il-każ. Jekk ir-raġuni prinċipali li għaliha żżewweġ l-attur kienet biex isir missier, ma jfissirx li jekk dan ma kienx possibbli allura jista' jannulla ż-żwieġ. Ir-raġunijiet għaliex wieħed jiżżewweġ ma humiex l-istess għal kulħadd, iżda ebda waħda minn dawn ir-raġunijiet ma tista' tagħti lok għall-annullament jekk l-iskop ta' dak li jkun meta żżewweġ ma jkunx jista' jintlaħaq. Ir-raġunijiet għall-annullament huma dawk stabbiliti mill-Kapitlu 255 u xejn iżjed.

"Jibqa' ghalhekk is-sub inċiż (d). Naturalment dwar x'ġara wara ż-żwieġ, dan hu immaterjali għall-kawża ħlief biex jitfa' dawl fuq l-istat ta' fatt ta qabel iż-żwieġ, iżda anke hawn, fil-fehma tal-Qorti ma hemm xejn li jindika li ż-żwieġ kien vizzjat. Naturalment kien hemm disgwid bejn il-partijiet (fis-sens li finalment isseparaw) u kulħadd beda jgħix ħajtu. Iżda li wieħed jieħu dan bħala indikazzjoni li kien hemm xi kawżali għall-annullament ikun qed iġebbed l-istess kawżali żżejjed.

"Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża <u>Joseph Zammit vs Bernardette Zammit</u> (27 ta' Jannar, 2006);

““*Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fondamentali fil-liġi ċivili u cioe` li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cioe` li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*

*Is-sub-inċiż (d) fuq imsemmi jsemmi wkoll li ż-żwieġ ikun null jekk ikun affettwat b'anomalija psikoloġika serja u tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-żwieġ. Ta' min jenfasizza hawn li l-liġi tagħna tirrikjedi li l-anomalija psikoloġika tkun tali li tagħmilha impossibbli u mhux sempliċement diffiċli li wieħed jaqdi l-obligazzjonijet essenzjali taz-żwieġ jew inkella li jassumi l-istess obligazzjonijiet essenzjali taz-żwieġ.*”

“Minn eżami tal-provi kollha wieħed ma jsib imkien l-inkapaċita` imsemmija. Huwa veru li l-attur ma kellux esperjenza ta' namur qabel iltaqa' mal-konvenuta iżda kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża; <u>Nicholas Agius vs Rita Agius</u> (25 ta' Mejju, 1995); “*B'difett serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju l-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' immaturita; li parti jew l-oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kunċett ġuridiku intrinsikament marbut mal-kapaċita' ta' parti jew oħra fiż-żwieġ li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taż-żwieġ.*” F'dan is-sens ġew deċiżi wkoll il-kawżi <u>Angela Spiteri vs Joseph Spiteri</u> (4 ta' Novembru, 1994), <u>Robert Attard vs Josephine Attard</u> (18 ta' Ottubru, 1995) u <u>Janet Portelli vs Victor Portelli</u> (14 ta' Awwissu, 1995).

“Fil-kawża fl-ismijiet <u>Mario Mizzi vs Maris Mizzi</u> (15 ta' Novembru, 2005) il-Qorti tal-Appell ukoll qalet li; “*Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju irid ikun hemm l-inkapaċita' psikika jew*

*kostituzzjonali (mhux neċessarjament anomlaija psikoloġika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeċiedi liberament (jiġifieri mingħajr impulsi interni li jkunu neħħew il-liberta ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oġġett tal-kunsens matrimonjali.*" Kif ukoll ġia' ingħad mill-Qrati tagħna l-fatt li wieħed jinduna li ħa żball meta żżewweġ m'huwiex *per se* kawżali għall-annullament.

"Anke fir-rigward ta' l-allegazzjoni ta' l-attur li ġie sforzat (fis-sens li ġie mgħaġġel) jiżżewweġ mill-konvenuta, din tidher għal kollox bla bażi. Il-fatt li l-għerusija kienet pjuttost qasir kien minħabba l-fatt li l-konvenuta kellha l-eta` li kellha u allura jekk il-partijiet ried ikollhom it-tfal (il-Qorti fuq dan ma għandha ebda dubbju) ma tantx setgħu jistennew wisq. Kienet allura ta' sfortuna għall-partijiet li tfal ma kellhomx iżda kif ġia` ingħad dan ma jwassalx lill-Qorti biex tiddikjara ż-żwieġ null.

"Ghal dawn il-mottivi kollha l-Qorti tiċħad it-talba attriċi; fiċ-ċirkostanzi pero` l-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet."

## **<u>II. L-APPELL</u>**

3**.** L-attur hass ruhu aggravat b'din is-sentenza u ghalhekk appella minnha b'rikors ipprezentat fit-8 ta' Novembru 2007. Is-sostanza ta' l-appell tal-konvenut tikkonsisti principalment dwar li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament skorrett tal-provi migbura quddiemha u dan meta kkonkludiet illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti ma kienx null.

4. Il-konvenuta ma rrispondietx ghal dan l-appell pero` hija dehret fl-udjenzi mizmuma minn din il-Qorti, assistita mill-Avukat taghha. Fl-udjenza tas-7 ta' Lulju 2008 gie dikjarat li l-appellata qed tikkontesta l-appell kif effettivament ikkontestat il-kawza quddiem l-ewwel Qorti (fol. 170). Dak in-nhar id-difensuri trattaw l-appell li thalla ghas-sentenza.

## **<u>III. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**
**<u>Il-fatti saljenti tal-kaz</u>**

5. Il-kontendenti zzewgu fis-7 ta' Dicembru 1994 wara gherusija ta' anqas minn sena. L-appellant kellu 33 sena u l-appellata kienet ghaxar snin akbar minnu (fol. 5). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. L-appellant intavola din il-kawza, intiza biex jottjeni dikjarazzjoni ta' nullita` taz-zwieg tieghu, fis-27 ta' Novembru 2005, cioe` aktar minn ghaxar snin wara li z-zwieg in kwistjoni gie celebrat. L-appellant jallega illi l-problemi matrimonjali bdew immedjatament wara z-zwieg u dan peress illi kienu qeghdin isibu diffikulta` sabiex l-appellata tinqabad tqila u allura bdew jsiru l-investigazzjonijiet medici kollha mehtiega. L-appellant jallega illi l-appellata qarqet bih, ghaliex skond hu, qabel iz-zwieg hija naqset milli tinformah illi hija ma setax ikollha tfal. Min-naha l-ohra l-appellata affermat li ma jezistux ragunijiet biex dan iz-zwieg jigi dikjarat null u bla effett, u hija tinsisti illi ma kienetx taf li hija kellha xi problemi ta' fertilita` qabel iz-zwieg u li dawn il-problemi hargu wara tlett xhur taz-zwieg.

6. Illi l-appellant jibbaza t-talba tieghu fuq l-Artikolu 19(1) b'mod generali u b'mod partikolari fuq il-paragrafi (c), (d) u/jew (e) tal-istess artikolu tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 19(1) jipprovdi illi:
"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta' dana l-Att, zwieg ikun null –

(c) b'qerq dwar xi kwalità tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

(e) jekk xi wahda mill-partijiet jkun impotenti, sew jekk dik l-impotenza tkun assoluta jew relattiva, izda biss jekk dik l-impotenza tkun tezisti qabel iz-zwieg;"

7. Mill-atti jirrizulta illi l-ewwel Qorti kienet korretta meta irriteniet illi l-qerq u l-impotenza allegati mill-appellant fil-konfront tal-appellata fil-kuntest tal-artikolu 19(1)(c) u (e) ma gewx ippruvati. Skond l-paragrafu (e) tal-Artikolu 19(1) l-impotenza (u l-ligi b'impotenza tfisser *impotentia coeiundi* u mhux *impotentia generandi*) trid tkun tezisti qabel iz-zwieg u mill-atti din ic-cirkostanza ma tirrizultax. Mix-xhieda tal-kontendenti u kif ukoll tal-professuri u tobba li ezaminaw lill-appellata johrog b'mod car illi l-appellata bdiet tirriskontra problemi medici ftit xhur wara li gie kkuntrattat iz-zwieg. L-appellant bl-ebda mod ma pprova illi l-appellata kienet qeghda tbati minn xi impotenza sa minn qabel iz-zwieg. **Dr. Josie Muscat** xehed (a fol. 40 et. seq.) illi l-ewwel darba li l-appellata kienet marret ghandu kien fl-24 ta' Frar 1995, meta kellha 44 sena, minhabba li kienet ilha xahrejn u nofs ma jkollha c-ciklu menstruwali. Irrizulta illi kellha cesta u ghalhekk ix-xhud kien tal-opinjoni illi probabbilment kien ghalhekk illi ma kienx qed jkollha ic-ciklu menstruwali. Raguni ohra setghet kienet minhabba l-eta` taghha. Huwa spjega li generalment nisa ta' din l-eta` jibdew il-process tal-menopawsa. Irrizulta infatti minn *hormone tests* maghmula mill-appellata li hija kienet bdiet l-process tal-*pre-menopause.*

Xehed ukoll il-**Professur George Buttigieg** (a fol. 29 et seq.). Huwa spjega illi kien ra lill-appellata l-ewwel darba madwar sitt xhur wara z-zwieg u li hija kienet taht il-kura tieghu mid-19 ta' Mejju 1995 sas-16 ta' Mejju 2002. Huwa xehed illi kien taht l-impressjoni illi hija kienet marret ghandu primarjament ghaliex xtaqet li jkollha t-tfal. Ix-xhud jispjega illi mit-testijiet li kienu qeghdin isirulha fil-bidu irrizulta illi: "ghalkemm m'hijiex *menopausal*, vicin f'dak l-istadju fejn l-*ovaries* wasslu biex jibdew jieqfu...". In fatti, it-testijiet tad-demm li kienu saru fl-ewwel vista indikaw li l-appellata kienet fil-*pre-menopause* pero` ma setax jindika meta kien ilu li beda dan il-process. Xehed ukoll li certament l-eta` ta' 44 sena ma kienx zmien tajjeb biex mara tipprova tohrog tqila.

8. Ghalkemm irrizulta mix-xhieda ta' Dr. Josie Muscat u tal-Professur George Buttigieg li l-appellata kienet

qeghda tbati minn problemi medici fiz-zmien meta giet ezaminata u cioe` wara z-zwieg, bl-ebda mod ma gie ppruvat illi l-appellata kienet ilha tbati minn dawn il-problemi minn qabel iz-zwieg b'mod ghalhekk li setghet taf bihom u li hbiet dawn il-problemi minn dak li kellu jkun zewgha. Illi kif osservat tant tajjeb l-ewwel Qorti, l-appellat kien ben konnxju tal-fatt illi l-appellata kienet mara avvanzata fiz-zmien u cioe` kellha tlieta u erbghin sena fid-data taz-zwieg u ghalhekk kien jaf jew messu kien jaf illi l-appellata seta' jkollha diffikulta` illi jkollha t-tfal. Tant hu hekk illi fl-affidavit tieghu (a fol. 13 et. seq) l-appellant jghid: *"Ommi kienet gibditli l-attenzjoni tieghi ghall-fatt illi l-konvenuta kienet ferm ikbar minni fl-eta` u ghalhekk qaltli biex nikkonferma illi min-naha taghha ma kienx hemm problemi biex ikollha tfal."*

9. Din il-Qorti f'dan l-istadju sejra tezamina wkoll l-allegazzjoni dwar in-nullita` taz-zwieg taht l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 li jirreferi ghall-kaz meta l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga. Fil-gurisprudenza tat-tribunali taghna gie diversi drabi ritenut illi l-kunsens ta' zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li bih wiehed konxjament jinghaqad ma' persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma' dik il-persuna u bejniethom jikkrejaw shubija fejn jaghtu lilhom infushom lil xulxin. Dan l-att jehtieg maturita` ta' hsieb u karattru tali li l-persuna li tidhol ghaz-zwieg taghraf l-impenn li jikkomporta z-zwieg, u cioe` impenn li jinvolvi attivita` fil-hajja ta' familja. Meta ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li hu essenzjali fiz-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu. Fil-kawza fl-ismijiet "**Marita Schembri vs Emmanuel Schembr**i" deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' April 2003 saret referenza ghall-Forum 1990, Vol. 1, part 1, pg 72 fejn inghad illi:
"Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus…richiede una capacita` intellettuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinanti della legge; richiede quindi una integrita` di

mente e` di liberta` dato che si tratta di assumersi una servitus per tutta la vita.”

Huwa risaput illi il-kuncett tad-*discretio judicii* ma jirrekjedix maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrekjedi z-zwieg, izda li jkun hemm konoxxenza shiha ta’ dak kollu essenzjali li jkunu dehlin ghalih il-partijet u cioe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent u kif ukoll fil-futur. In oltre l-partijet irid ikollhom dik il-maturita` affettiva u cioe` maturita` f’dak kollu li ghandu x’jaqsam ma’ l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta’ xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi tkun b’xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mil-ligi.

10. Illi ghalkemm il-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta ma jaghtix definizzjoni ta’ x’inhuma l-obbligi essenzjali taz-zwieg jinsab assodat fil-gurisprudenza fil-Qrati taghna, fosthom fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet “**Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri**” deciza fl-4 ta’ Novembru 1994, li dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cioe` tal-unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghall-komunjoni ta’ hajja u prokrejazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied.

11. Illi mill-kumpless tal-provi johrog car illi dan huwa kaz sfortunat fejn l-kontendenti verament xtaqu illi jkollhom it-tfal kemm qabel u kif ukoll wara z-zwieg, pero` dan ma kienx possibbli. Dina l-Qorti ma tistax taccetta l-allegazzjoni tal-appellant illi l-kunsens tieghu ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u dan peress illi mill-kumpless tal-provi jirrizulta l-kuntrarju. L-appellant jargumenta illi l-kunsens tieghu ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress illi huwa zzewweg lill-appellata bl-uniku skop li jkollu t-tfal u ghalhekk meta sar jaf illi martu ma setax jkollha tfal huwa tilef kull interess. Fir-rikors tal-appell tieghu jafferma hekk: “Zgur illi ma kienx il-hsieb tal-attur illi johloq flimkien mal-konvenuta mara ghaxar snin ikbar minnu, *communio vitae*, li jaqsam kollox flimkien ma’ martu u li jkun ta’ ghajnuna u assistenza ghaliha, tant illi meta rrizulta illi tfal

ma setax ikollhom ghalih qisu z-zwieg qatt m'ezista ghaliex fil-hsieb tieghu zwieg ma kien xejn ghajr il-veikolu accettat mis-socjeta` biex wiehed isir missier u jkollu l-ulied." (Fol. 151)

Ghalkemm wiehed jifhem is-sitwazzjoni xejn felici li l-appellant spicca fiha meta dak li xtaq ma avverax ruhu fiz-zwieg pero` dan ma jistax jwassal ghall-konkluzjoni illi l-kunsens tieghu kien vizzjat u li z-zwieg huwa null. Fl-affidavit taghha l-appellata tghid illi:
"Jiena bdejt ninnota illi l-komportament ta' zewgi fil-konfront tieghi **beda jinbidel tul iz-zmien**, u fil-fatt madwar sena wara, beda juri inqas rispett lejja, u ma kienx jinteressa ruhu wisq f'dak li kont ghaddejja minnu. Minflok, hu kien beda jmur regolarment f'hanut tax-xorb ….. Jien bdejt inhoss illi kien qed jittraskurani." (A fol. 57 paragrafu 11)

"Sfortunatament jidher illi **dawn l-avvenimenti affettwaw lir-ragel tieghi ghax aktar ma beda jghaddi z-zmien**, aktar beda jwarrabni u jghajjarni. Fil-fatt ir-relazzjoni taghna bdiet tieghu zvolta ghall-aghar. Hu beda jfittex aktar il-kumpanija ta' shabu fil-hanut tax-xorb, u l-kumplament tal-hin kien jghaddih ghand ommu." (A fol. 58 paragrafu 13)

12. Johrog ampjament mill-provi prodotti illi l-appellant hadha bi kbira hafna li ma setax ikollhom tfal u rrizulta ukoll illi hadha anke kontra l-appellata u beda jattribwixxi t-tort lilha. Fl-affidavit tieghu l-appellant a fol. 15 fl-ahhar paragrafu xehed illi:
"Kieku kont naf li ma setax ikollha t-tfal, kien ikolli l-ghazla libera jekk nizzewwighiex jew le b'din il-kundizzjoni u nghid li kieku kont naghzel li ma nizzewwigx lill-konvenuta ghax jiena kont ghaddej tajjeb fil-hajja ta' guvni u nghix m'ommi, b'ommi u b'ohti xebba, Jane Zammit, iduru bija, u zzewwigt biss minhabba x-xewqa li kelli li jkolli t-tfal u jkolli familja tieghi. Ghalhekk inhoss illi l-konvenuta ingannatni. L-uniku skop taz-zwieg kienu t-tfal u minghajrhom iz-zwieg tieghi u tal-konvenuta spicca bla skop ta' xejn, ghalkemm xorta bqajt nirrispettaha u

nzommha tajjeb pero` dan ghamiltu b'rispett u mhux b'imhabba u b'sens ta' rgulija."

13. Dina l-Qorti, pero`, tosserva kontradizzjoni fix-xhieda tal-appellant peress illi fl-istess affidavit l-appellant xehed illi waqt l-gherusija:
"It-tnejn li ahna kif bdejna nohorgu flimkien mill-ewwel kellna relazzjoni serja illi dehret li setghet twassal ghaz-zwieg……Sadanittant bqajna nohorgu flimkien regolarment u konna niltaqghu ta' spiss hlief meta kont inkun xoghol ta' bil-lejl. Konna bdejna nitkellmu fuq zwieg." (A fol. 15).

Imbaghad in kontro-ezami ( a fol. 71 et. seq.) jikkonferma kemm-il darba illi huwa kien jhobbha lill-appellata u jghid:
"*Li kieku ma kontx inhobbha dahhaltha fl-insurance u qed inhallsilha ma nafx kemm qed inhallsilha*." ( a fol. 79).

L-appellant jikkonferma in oltre illi l-kontendenti sseparaw wara ghaxar snin ta' zwieg u jghid illi l-kagun ta' dan kienet l-ghira (a fol. 80). Huwa jikkonferma illi kien hemm bejn sitta u tmien snin tajbin ta' zwieg. Kieku verament kien l-uniku skop tal-appellant illi jkollu tfal miz-zwieg, ma kienx idum ghaxar snin sabiex jintavola l-kawza odjerna izda kien immedjatament jallontana ruhu minn martu appena kien jaf illi tali skop ma kienx seta` jigi milhuq.

13. Jirrizulta illi l-appellant kellu tlieta u tletin sena meta ltaqa' mal-appellata u ghalih din kienet l-ewwel relazzjoni. Huwa afferma li ma kellux hsieb ta' nisa jew li jkollu relazzjoni pero` dejjem wera x-xewqa li jkollu t-tfal u jibni familja u meta sab lill-appellata, huwa ddecieda li jizzewweg fi zmien anqas minn sena sabiex appuntu jkollhom it-tfal u jibnu l-familja li dejjem xtaq. Fl-affidavits taghhom, George Abela, Emanuel Caruana u Pawlu Caruana (a fol. 64-69) jikkonfermaw illi l-appellant qatt ma kien hareg ma' mara ohra qabel ma beda johrog mal-appellata u li huwa xtaq illi jkollu mara sabiex jizzewwigha, jkollu t-tfal u jibni familja. Din it-tezi tal-appellant illi l-kunsens tieghu kien vizzjat ghaliex l-uniku skop tieghu ghaliex izzewweg kien illi jkollu t-tfal fl-isfond tal-provi akkwiziti fil-process, ma treggix. Certament ma giex

ippruvat illi l-kunsens tieghu kien b'xi mod ivvizzjat ghaliex sostanzjalment din il-Qorti taqbel ma' l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti u tikkondividi l-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjoni li wasslet ghalihom l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

14. Ghal dawn il-motivi, tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata u tordna li l-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu kollha mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------